MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2003

Citazzjoni Numru. 130/2002

Michaal, Joseph u Lawrence Axiaq .

vs

Dr.Chris Said illi b'degriet tal-14 ta' Frar, 2003 gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapp lill-imsiefer Dr. Samy El Sheikh u l-bastiment "Xenia V" proprjeta' tal-istess Dr. Samy El Sheikh .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-bastiment bl-isem "Mount Carmel", (numru ta' registrazzjoni F 307) u waqt sajda li kienu qeghdin jaghmlu t-Tlieta 19 ta' Novembru 2002, huma iltaqghu ma' yacht bl-isem "Xenia V" abbandunat fil-Ibic ta' Ghawdex u precizament hamsa u tletin mil (35 mil) nawtiku 'l barra mill-kosta' ta' Malta .

Illi l-atturi malli raw dan il-yacht abbandunat, abbandunaw l-istess sajda taghhom u marru jaghtu l-ghajnuna taghhom u kien f'dak il-hin li skoprew li l-istess yacht kien abbandunat ;

Illi l-istess atturi qabel ma telghu abbord l-istess yacht, cemplu l-ewwel lill-Ufficjal li hemm stazzjonat fit-Turretta fil-port il-Kbir u gharrfuh b'dana kollu u fil-waqt li nfurmawh li huma kienu sejrin jirmonkaw l-istess yacht ghal Marsamxett, fejn hemm il-Yacht Marina, talbuh fl-istess hin u jinforma lill-ufficjali tad-Dwana sabiex dawna jkunu prezenti biex jispezzjonaw l-istess yacht meta huma jidhlu biha fil-port ;

Illi mid-dokumenti li kien hemm fl-istess bastiment irrizulta li dina kienet proprjeta' ta' certu Dr. Samy El Sheikh .

Illi dina l-operazzjoni ta' "salvage" tal-bastiment bl-isem "Xenia" damet 'il fuq minn disa' sighat u l-istess atturi ghandhom kull dritt li jigu kkumpensati kemm ghas-sajda li tilfu kif ukoll ghall-ispejjez li nefqu fl-istess operazzjoni u x-xoghol kollu involut fl-istess salvage .

Talbu lill-konvenut nomine jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjara illi l-atturi ghandhom kull dritt li jigu kkumpensati minhabba dina l-operazzjoni ta' "salvage" li huma wettqu fuq il-bastiment cioe' l-yacht bl-isem "Xenia V";

2. konsegwentement tillikwida l-ammont dovut lill-istess atturi f'liema ammont ghandu jittiehed in konsiderazzjoni t-telf ta' qliegh li huma sofrew waqt dina l-operazzjoni kif ukoll l-ispejjez li huma nefqa biex jirmonkaw l-istess bastiment ghal gol-port il-Kbir .

3. tikkundanna lill-istess konvenuti proprio et nomine li jhallas lill-atturi l-ammont ta' kumpens li jigi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti u dana okkorrendo, b'opera ta' perit li jigi nominat ghal l-istess fini .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Michael Axiaq .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa illi :

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba .

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine kkonfermata bil-gurament ta' l-avukat Dottor Chris Said .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi l-atturi ghamlu din il-kawza sabiex jigi likwidat lilhom il-kumpens dovut ghas-*salvage* li wettqu fuq il-*yacht* tat-tip "Skorpion II" bl-isem "Xenia V", proprjeta' ta' Dr. Samy Hussein El Sheikh ta' nazzjonalita' Awstrijaka u registrata fl-istess pajjiz (ara "Dok. A" anness mac-citazzjoni a fol. 11 tal-process) .
Kif jirrizulta mir-rapport rilaxxjat mill-ufficcju marittimu tal-gzira ta' Lampedusa fil-11 ta' Novembru 2002 (Dok. E), gara illi fit-8 ta' Novembru 2002 din l-opra tal-bahar, billi kienet tinsab fil-perikolu minhabba difetti mekkanici u kundizzjonijiet meteorologici kuntrarji, bdiet tibghat messaggi ghall-ghajjut . Fuq il-post interveniet lancja tal-Guardia Costiera taljana li salvat minn fuq il-*yacht* lill-persuni li kienu abbord, u cioe' l-proprjetarju, l-mara tieghu u t-tifla taghhom, tarbija ta' ftit xhur . In segwitu ghal din l-operazzjoni, is-sid abbanduna l-opra tal-bahar tieghu, billi kwalukwe tentattiv ta' salvatagg kien sar impossibbli minhabba l-kundizjonijiet hziena tat-temp .

L-istess sid, t-tabib Dr. Samy Hussein, kkonferma din l-istorja fid-depozizzjoni tieghu li ta quddiem l-Assistant Gudizzjarju u zied illi l-hsara li kellu fil-*yacht* kienet filli kien imblukkalu li *steering* waqt maltempata u minhabba l-impossibilita' li jikkontrolla l-bastiment sejjah ghall-ghajjut u gie f'kuntatt ma' vapur Russu li akkumpanjah ghal tmien sighat lejn Lampedusa, sakemm waslet il-Guardia Costiera taljana . Fl-istess okkazzjoni li kien qed jaghti d-depozizzjoni tieghu, s-sid wera d-dispozizzjoni tieghu li jirrinunzja l-proprjeta' ta' din l-opra tal-bahar a favur ta' l-atturi, b'kumpens totali tas-*salvage* li kienu ghamlu ta' l-istess bastiment . Infatti huwa anke iffirma skrittura privata li tinsab ukoll annessa ma l-atti ta' din il-kawza dwar ir-rinunzja tieghu ghal kull pretensjoni fuq din il-yacht (a fol. 18) .

L-attur Michael Axiaq ikkonferma fid-dikjarazzjoni tieghu annessa ma' c-citazzjoni, li huwa flimkien ma' l-atturi l-ohra fid-19 ta' Novembru 2002, waqt sajda li kienu qeghdin jaghmlu fuq il-bastiment taghhom bl-isem "Mount Carmel" (numru ta' registrazjoni F 307), iltaqghu mal-*yacht* in kwistjoni abbandunat fil-lbic ta' Ghawdex u precizament hamsa u tletin (35) mil nawtiku 'l barra mill-kosta ta' Malta . X'hin raw dan, abbandunaw is-sajda taghhom u marru sabiex jaghtu l-ghajnuna, imma ndunaw li ma kien hemm hadd fuqu . Qabel ma telghu abbord infurmaw l-Ufficjal stazzjonat fuq it-Turretta tal-Palazz b'li kien gara u talbu l-permess biex jirmonkaw il-*yacht* sal-port ta' Marsamxett u talbuh ukoll jinforma lill-ufficcjali tad-Dwana sabiex dawn ikunu prezenti halli jispezzjonaw il-*yacht* meta jidhlu biha fil-port . Spjega wkoll kif din l-operazzjoni ta' *salvage* damet 'l fuq minn disa sighat u kif huma kellhom dritt jigu kkumpensati kemm ghas-sajda li tilfu, kif ukoll ghall-ispejjez u xoghol involuti f'din l-operazzjoni ta' salvatagg .

L-avukat Dottor Anton Refalo spejga kif wara li rcieva informazzjoni li s-sid kien gie Malta, insegwitu li saret din il-kawza, huwa kien iltaqa' mieghu f'lukanda f'Malta u ftehmu kif l-atturi kellhom jigu kkumpensati ghas-salvage billi huwa jirrinunzja ghall-proprejta' tal-yacht, b'dana illi

jinghata l-opportunita' jirtira l-affarijiet personali tal-familja tieghu min fuq l-istess *yacht* .

Minn dawn il-fatti li gew ampjament ippruvati ma jista' jkun hemm ebda dubbju illi l-atturi haqqhom li jigu kkumpensati ta' dak li ghamlu biex salvaw il-yacht in kwistjoni mill-gharqa u distruzzjoni totali . Is-sid irrikonoxxa dan, imma pprefera li jirrinunzja ghall-proprjeta' tal-*yacht* milli jhallas kumpens monetarju, kif jirrizulta sodisfacentement mill-iskrittura privata iffirmata minnu u Michael Axiaq ghall-atturi, fil-prezenza ta' l-avukat Dottor Anton Refalo u s-surgent 1233 (ara skrittura a fol. 18) .

Il-Qorti ghalhekk u in vista ta' dan il-ftehim li gie anke inkorporat fl-iskrittura gia msemmija u ffirmata mill-istess sid tal-yacht Dr. Al Hussein, fejn ceda l-proprejta' tal-*yacht* in kwistjoni a favur ta' l-atturi, tiddecidi l-kawza, billi tilqa' t-talbiet attrici u :

(i) tiddikjara illi l-atturi ghandhom kull dritt li jigu kkumpensati minhabba l-operazzjoni ta' *salvage* li huma wettqu fuq il-bastiment bl-isem "Xenia" imsemmi fic-citazzjoni ;

(ii) in vista tar-rinunzja tas-sid tal-proprjeta' ta' l-istess *yacht* a favur ta' l-atturi, tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi konsistenti fl-istess *yacht,* u konsegwentement

(iii) tawtorizzahom jaghmlu ghalhekk il-proceduri kollha mehtiega sabiex jittrasferixxu d-dokumenti kollha relattivi ghall-proprjeta' ta' din il-*yacht* ghal fuq isimhom, u ghal dan il-fini tawtorizzahom ukoll jirtiraw id-dokumenti rilevanti mill-atti ta' din il-kawza .

L-ispejjez, peress illi s-sid kien irrinunzja ghall-proprjeta' tal-*yacht* tieghu in piena sodisfazzjon tal-pretensjonijiet kollha ta' l-atturi, ghandhom jigu ssoportati minnhom stess .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------